

31988R4112

L 361/7

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.12.1988

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 4112/88
tal- 21 ta' Diċembru 1988**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 315/68 li jstabilixxi l-istandards ta' kwalità għall-basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) nru 234/68 tas- 27 ta' Frar 1968 dwar l-istabiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq ta' siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u affarijiet ta' din ix-xorta, fjuri u weraq tat-tiżjin ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) nru 3991/87 ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 315/68 ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1733/84 ⁽⁴⁾, jstabilixxi *standards* ta' kwalità għall-basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi intenzjonati għall-bejgħ lill-konsumaturi għall-ħtiġiet personali tagħhom fil-Komunità jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

Billi d-deskrizzjoni tat-tariffa tal-prodotti nvoluti għandha tiġi adattata sabiex tiġi meqjusa l-implimentazzjoni tan-nomenklatura tat-tariffi introdotta bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-*numenklatura* tat-tariffa u tal-*istatistika* ⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3468/88 ⁽⁶⁾;

Billi t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 315/68 jstabilixxi kondizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq fil-Komunità għal prodotti maħsuba għal użu jew destinazzjoni minbarra dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dak il-paragrafu; billi, fid-dawl tal-esperjenza miksuba, ir-regoli tas-suq li jeżistu fil-każ ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi għandhom jiġu applikati għal dawk il-prodotti li m'humiex maħsuba għal bejgħ lill-konsumaturi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 315/68 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 55, tat-2.3.1968, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1987, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 71, tal-21.3.1968, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 164, tat-22.6.1984, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 256, tas-7.7.1987, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 296, tad-29.10.1988, p. 50.

1. Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Standards ta' kwalità għandhom jiġu stabbiliti għall-basal, tuberi, għeruq bit-tuberi, basal tal-qasab, kuruni u riżomi, reqdin, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0601 10.

Dawk l-*standards* ta' kwalità huma definiti fl-Anness ta' dan."

2. Artikolu 2(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Jekk il-prodotti elenkati f'Artikolu 1 ma jkunux kompatibbli mal-*standards* ta' kwalità, dawn ma jstgħux:

— Ġewwa l-Komunità:

- (i) Jinżammu jew jiġu trasportati bl-iskop ta' bejgħ, fi kwalunkwe stadju tal-*marketing*, fpakketti maħsuba għall-konsumatur jew għall-ħtiġiet personali tiegħu;
- (ii) Jiġu esposti għall-bejgħ, offruti għall-bejgħ, mibjugħa jew kunsinnati lill-konsumatur, minn kummerċjant jew direttament mill-produttur;

— Jiġu esportati lejn pajjiżi terzi għall-bejgħ lill-konsumatur għall-ħtiġiet personali tiegħu.

Il-prodotti msemmija f'Artikolu 1 u li huma maħsuba għal skopijiet barra minn dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jstgħux jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità jew jiġu esportati lejn pajjiżi terzi ħlief jekk:

- (a) Ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-1 paragrafu tat-Titolu II ta' dan l-Anness;
- (b) Kull pakkett ikun juri dawn id-dettalji, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jstgħux jiġu mħassra:
 - Identifikazzjoni tal-bejgħiegh:
 - Isem u indirizz jew marka tal-kodiċi
 - Natura tal-prodott: 'Mhux għall-bejgħ lill-konsumatur għall-ħtiġiet personali tiegħu', li magħha jkun magħdud, kif xieraq, 'Prodott għat-tkattir'
- (c) L-ippakkjar huwa b'mod ċar differenti minn dak użat għall-bejgħ lill-konsumatur għall-ħtiġiet personali tiegħu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU
